**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/893**

**tat-28 ta' Mejju 2019**

**dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus subtilis* DSM 15544 bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ tas-simna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1444/2006 (detentur tal-awtorizzazzjoni, ►M1 Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 142, 29.5.2019, p. 60)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/146 tat-3 ta' Frar 2020 | L 31 | 3 | 4.2.2020 |

▼B

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/893

## tat-28 ta' Mejju 2019

## dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus subtilis* DSM 15544 bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ tas-simna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1444/2006 (detentur tal-awtorizzazzjoni, ►M1 Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

L-awtorizzazzjoni tal-addittiv speċifikat fl-Anness, li jappartieni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" għall-grupp funzjonali "stabilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana", hija mġedda soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1444/2006 huwa mħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabbilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana** | | | | | | | | | |
| 4b1820 | ►M1 Asahi Calpis Wellness Co. Ltd, rappreżentata fl-Unjoni Ewropea minn Pen & Tec Consulting S.L.U. ◄ | *Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) | *Kompożizzjoni kimika:*<br>*Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544) b'minimu ta' $1 \times 10^{10}$ CFU/g<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva:*<br>Spori vijabbli (CFU) tal-*Bacillus subtilis* C-3102 (DSM 15544)<br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Enumerazzjoni: Il-metodu tat-tifrix bl-użu tal-agar tat-triptonju tas-soja (EN 15784:2009)<br>Identifikazzjoni: elettroforeżi bil-ġell f'kamp pulsat (PFGE). | Tiġieġ tas-simna | — | ►M1 $3 \times 10^{8}$ ◄ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br>2. L-użu huwa permess f'għalf li fih wieħed mill-koċċidjostatiki awtorizzati li ġejjin: sodju tal-monensin, sodju tas-salinomiċina, sodju seduramiċina, sodju lasaloċidu, ammonju tal-maduramiċina, narasin/nikarbażin, diklażuril.<br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Fejn dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu kemm jista' jkun b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali li jinkludi protezzjoni għall-għajnejn u għan-nifs. | It-18 ta' Ġunju 2029 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.